**27 ta' Jannar, 1997**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Lawrence Formosa *et noe*

*versus*

Anthony Borg *pro et noe*

## Preskrizzjoni - Artikolu 2149 (a) tal-Kodiċi Ċivili

*Meta l-kreditur tal-prezz tal-materjali kien sempliċi fornitur ta' dawk il-materjali u ma kienx il-bennej jew l-appaltatur tal-bini fejn ġew użati l-materjali, hu jkun għamila ta' bejjiegħ ta' dawk il-materjali u xejn iżjed. F'dan il-każ għall-azzjoni tiegħu għall-prezz ta' dan il-materjali hija applikabbli preskrizzjoni diversa minn dik preskritta fis-subinċiż (a) ta' l-artikolu 2149 li tikkontempla fornituri li jsiru minn kuntratturi li flimkien ma' l-opra tagħhom ikunu, in konnessjoni ma' l-istess opra, fornew ukoll il-materjali meħtieġa.*

Il-Qorti:-

*Qed isir appell mill-konvenut pro et nomine minn din is-*sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ ta' l-24 ta' Novembru, 1993;

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi *nomine* ppremettew:

Illli l-konvenut *proprio et nomine* għandu jagħti lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet mija u ħamsa u sebgħin lira Maltija u disgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm375.49ċ0) flimkien ma' l-imgħax kummerċjali mid-data tal-konsenja, prezz ta' konkos lilu mibjugħ u konsenjat, liema dejn huwa ċert, likwidu u skadu;

Illi fil-fehma ta' l-atturi *nomine* l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba għall-ħlas ta' l-ammont mitlub u għalhekk hu l-każ li din il-Qorti tiddeċidi skond it-talba bid-dispensa mis-smigħ tal-kawża għat-tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbu li, għar-raġunijiet premessi:

Din il-Qorti tiddeċidi skond it-talba bid-dispensa għas-smigħ tal-kawża għat-tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-konvenut jiġi kkundannat li jħallas lill-atturi *nomine* s-somma ta' tliet mija u ħamsa u sebgħin lira Maltija u disgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm375,47ċ0) (*sic*) flimkien ma' l-imgħax kummerċjali mid-data tal-konsenja, prezz ta' konkos lilu mibjugħ u konsenjat;

Bl-ispejjeż - kompriża Lm1 ta' l-ittra legali - kontra l-konvenut;

Rat l-affidavit ta' l-attur Lawrence Formosa u l-lista tax-xhieda ta' l-atturi *nomine*:

*Omissis*;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet, ulterjuri tal-konvenut *proprio et nomine* ppreżentata fid-9 ta' Ġunju, 1993 li biha eċċepixxa:

"Il-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-artikolu 2149 (a) tal-Kodiċi Ċivili";

Rat ukoll id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ittrattat:

Ikkunsidrat:

Dwar il-preskrizzjoni kontemplata mill-artikolu 2149 (a) tal-Kodiċi Ċivili, din fil-fehma tal-Qorti mhix applikabbli għall-każ billi l-atturi *nomine* ma esegwewx xogħlijiet lill-konvenut, iżda biss biegħulu u fornewlu materjal biex huwa jużah fl-intrapriża tiegħu, konsegwentement din l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda. Dan, apparti l-konsiderazzjoni li ż-żewġ atturi xehdu (ara fol. 10 u 16) li l-konvenut kien wiegħed li jħallas;

Għar-rigward tal-meritu, il-konvenut qed jeċċepixxi li hu ma għandu jagħti xejn lis-soċjetà attriċi billi jallega li dejjem ħallas tal-konsenji tal-konkos li ħa mingħand is-soċjetà attriċi. In sostenn ta' dan, il-konvenut esebixxa l-irċevuta dokument

"AB1" datata 12 ta' Frar, 1988 għas-somma ta' Lm330 (ara fol. 72) li jippretendi li kienet bi ħlas tal-konsenja in kwistjoni, jiġifieri dik ta' l-10 ta' Ġunju, 1987. Jirriżulta li din il-konsenja kienet bil-prezz ta' Lm324, però kellu jsir skont ta' Lm24 kieku l-konvenut ħallas tagħha bi flus kontanti kif kellu jagħmel, però billi huwa ma ħallasx mal-konsenja ġie *invoiced* bill-prezz a' Lm324 (ara dokument FOIA u FOIB). Issa, l-konvenut jgħid li l-kont in kwistjoni kien ta' Lm300 iżda huwa ħallas Lm330 lill-attur Saviour Formosa għax tah Lm30 x'jixrob. Il-Qorti hija ta' l-opinjoni li l-ispjegazzjoni mogħtija mill-konvenut hija ferm inverosimili għaliex m'hemm ebda raġuni li l-konvenut iħallas lill-attur, direttur tas-soċjetà attriċi Lm30 x'jixrob;

Illi mill-provi akkwiżiti u senjatament mill-*istatement* (dokument XXX a fol. 86-87) jirriżulta li l-pagament ta' Lm330 li għamel il-konvenut ittieħed in konsiderazzjoni mis-soċjetà attriċi u ma jirriżultax li l-konvenut ħallas tal-konsenja *de qua*;

Illi għar-rigward ta' l-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni, jirriżulta mill-verbal ta' l-udjenza tat-18 ta' Novembru, 1992 (ara fol. 71) illi l-ammont pretiż mill-atturi *nomine* jinkludi l-imgħax fuq is-somma ta' Lm324 mid-data tal-konsenja. Għalhekk fil-fehma tagħha il-konvenut għandu jiġi kkundannat iħallas l-ammont ta' Lm324 bl-imgħaxijiet fuqu mid-data tal-konsenja, jiġifieri mill-10 ta' Ġunju, 1987;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tiċħad bħala infondati l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *proprio et nomine* u tilqa' t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut *proprio et nomine* jħallas lill-atturi *nomine* s-somma ta' tliet mija u erbgħa u għoxrin lira Maltija (Lm324) bl-imgħax kummerċjali mill-10 ta' Ġunju, 1987. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut fil-kwalità tiegħu premessa";

Il-konvenut appella;

*Omissis*;

L-aggravju prinċipali tal-konvenut hu illi l-azzjoni hi preskritta a tenur tas-subinċiż (a) ta' l-artikolu 2149 tal-Kap. 16. Dan is-subinċiż jipprovdi li:

"l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' njam, ġebel jew materjal ieħor, għall-opri minnhom maħduma jew għall-materjal li jfornu ... jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn";

L-appellati kkontestaw din l-eċċezzjoni u jsostnu li t-terminu preskrittiv estintiv ta' l-azzjoni applikabbli għal każ hu dak ta' ħames snin u mhux dak iqsar indikat mill-konvenut appellant. Jissottomettu illi s-soċjetà attriċi mhux kuntrattur tal-bini imma għandha *batching plan* li tforni lin-nies b'konkos maħdum kontra prezz ta' l-oġġett konsenjat. "Xtara l-kuntrattur li jkun ordna dak il-konkos x'jagħmel bih imbagħad wara li jirċevih". Invece l-preskrizzjoni nvokata mill-appellant hija dik li tirrigwarda fornituri li jagħmel l-istess kuntrattur lil min ikun qed jibnilu.

Din is-sottomissjoni hi għal kollox korretta u issegwi l-interpretazzjoni kostantement mogħtija lil dan is-subinċiż fil-ġurisprudenza li tanalizzah. Ġie hekk ritenut fil-kawża deċiża minn din il-Qorti fis-27 ta' Mejju, 1957 fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs* Terese Bonnici *et***;

"Il-preskrizzjoni biennali fl-artikolu 2254 (llum 2149) tal-Kodiċi Ċivili ... ma tikkontemplax il-każ ta' forrituri ta' materjal in ġenerali iżda tal-fornituri li jsiru minn kostrutturi ta'

bastimenti u ta' kuntratturi ossia appaltaturi ta' xoghlijiet li flimkien ma' l-opra taghhom ikunu, in konnessjoni ma' l-istess opra, fornew ukoll il-materjali mehtieġa;

Ghaldaqstant dik il-preskrizzjoni mhix applikabbli ghall-każ ta' *sempliċi fornitura ta' materjali meta min jaghmilha ma* jkunx ukoll l-appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew";

Konsegwentement meta l-kreditur tal-prezz tal-materjali kien sempliċi fornitur ta' dawk il-materjali u ma kienx il-bennej *jew l-appaltatur tal-bini fejn ġew użati* l-*materjali* hu jkun ghamilha ta' bejjiegh ta' dawk il-materjali u xejn iżjed. F'dan il-każ ghall-azzjoni tieghu ghall-prezz ta' dan il-materjal hija applikabbli preskrizzjoni diversa minn dik preskritta fis-subinċiż (a) ta' l-artikolu 2149 fuq imsemmi (Vol. XLI, pt. I, p. 347);

Fil-każ in eżami hu ovvju mill-provi li d-ditta attriċi bl-ebda mod ma tista' tiġi kwalifikata bhala li hi l-appaltatur tax-xoghlijiet fejn intuża l-matrjal li ghalih qed tirreklama l-pagament. *Ex admissis* dak il-materjal ġie orndat mill-konvenut u ġie utilizzat u konsenjat fil-lant tax-xoghol skond fejn is-soċjetà attriċi ġiet diretta li tikkonsenjah mill-konvenut. Fil-verità lanqas jirriżulta min kien il-kuntrattur tax-xoghol li fih ġie utilizzat il-materjal ikkonsenjat. Infatti s-soċjetà attriċi - almenu f'dawn iċ-ċirkostanzi - ma tistax tinghad li kienet kuntrattur tal-bini u jista' jinghad li l-atturi *nomine* kienu sempliċi fornituri tal-materjal u ma kinux il-bennejja jew l-appaltaturi tal-bini. Mhijiex allura applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata f'dan is-subinċiż (a) ta' *l-artikolu 2149* invokata mill-konvenut u din l-eċċezzjoni qed tiġi ghalhekk respinta;

*Omissis*;

Dan apparti mill-prova kontrarja li tirriżulta mid-deposizzjoni ta' l-istess atturi li jixhdu illi:

"Meta jiena (l-attur Lawrence Formosa) lill-konvenut avviċinajtu jiena personalment, fuq il-ħlas ta' dan il-bilanċ, huwa ammetta u ipprometta illi kien sejjer iħallas ..." u ukoll "wara li kkonsenjajnilu x-xogħol jiena (l-attur l-ieħor Saviour Formosa) kemm-il darba kellimt lill-konvenut biex iħallas u huwa dejjem jgħidli li ser jiġi u ma jiġi qatt";

Żewġ dikjarazzjonijiet li jikkontradiċu direttament id-dikjarazzjoni tal-konvenut li hu ma kellu jagħti xejn għal xogħol minnu ordnat u lilu konsenjat. Dikjarazzjonijiet li ċertament kienu jagħmluha impellenti fuq il-konvenut li jipproduċi provi konklussivi ta' pagament li ma pproduċa qatt;

Huma ukoll żewġ dikjarazzjonijiet illi - kif sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha - jinnewtralizzaw kull eċċezjoni ta' preskrizzjoni estintiva ta' l-azzjoni inkwantu indubbjament jammontaw għall-ammissjoni ċara u netta tad-debitu da parti tal-konvenut *pro et nomine*;

"Da parti tad-debitur, hu att ċivili interruttiv ta' preskrizzjoni r-rikonoxximent tad-dritt tal-kreditur ... Inkwantu għar-rikonoxximent da parti tad-debitur, dan jista' jkun tant espress kemm taċitu" (Vol. XXXIX, pt. II, p. 686);

Fil-każ taħt eżami jirriżulta rikonoxximent espress li seta' jiġi biss newtralizzat bi provi ċari u univoċi ta' pagament. Provi li ma jirriżultaw bl-ebda mod li saru;

**Għal dawn il-motivi l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu ta' l-appellant *pro et nomine*.**